

Talbiet tar-rikorrenenti

- Tannulla d-digriet ta' inammissibbiltà tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Lulju 2007, Kawża T-177/06 Ayuntamiento de Madrid y Madrid Calle 30, SA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.
- Tirrinvijsa l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għas-sentenza.

Motivi u argumenti prinċipali

Fid-digriet ikkontestat il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat inammissibbli r-rikors imressaq mill-Ayuntamiento de Madrid u Madrid Calle 30, SA li permezz tiegħu hija talbet l-annullament tal-klassifika ta' Madrid Calle 30 fis-settur ta' "amministrazzjonijiet pubbliċi" li l-Kummissjoni (Eurostat) għamlet konformament mas-"Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995" (SEK 95) misjuba fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 ⁽¹⁾ tal-25 ta' Ġunju 1996. Din il-klassifika kienet tirriżulta mill-kontijiet ippublikati mill-Kummissjoni (Eurostat) fl-24 ta' April 2006 fejn użat l-informazzjoni ta' l-2005 fuq l-iżbilanċ u d-dejn tal-Gvern għall-applikazzjoni tal-Protokol dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, anness mat-Trattat KE. L-imsemmija kontijiet jidher fil-komunikat 48/2006 tal-Kummissjoni (Eurostat).

Ir-rikorrenenti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta kkunsidrat li l-komunikat istampa Nru 48/2006 ma kienx jikkostitwixxi deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni (eurostat) b'effetti legali vinkolanti u għaldaqstant ma kienx att legali li seta' jiġi kkontestat.

In sostenn ta' l-appell tagħhom, l-appellanti jenfasizzaw ir-rwol ċentrali tal-Kummissjoni (Eurostat) fl-approvazzjoni finali ta' l-iżbilanċ tal-Gvern u tad-dejn ta' l-Istati Membri, fondata mhux biss fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti (Artikolu 104 KE, il-Protokol dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 ⁽²⁾ tat-22 Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokol dwar il-proċedura ta' l-iżbilanċ eċċessiv meħmuża mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2103/2005 ⁽³⁾) iżda wkoll fuq l-istruttura istituzzjonali tas-sistema regolatorja.

L-appellanti jikkunsidraw li fid-digriet appellat il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għal konklużjoni żbaljata meta ma aċċettatx li l-Kummissjoni (Eurostat) hija obbligata li tivverifika jekk il-kontijiet tal-Gvern humiex kompatibbli mar-regoli ta' kontabbiltà ta' SEK 35 qabel il-publikazzjoni ta' l-informazzjoni fuq l-iżbilanċ tal-Gvern u fuq id-dejn ta' l-Istati Membri. L-appellanti jżidu li n-nuqqas ta' riżervi u/jew emendi da parti tal-Kummissjoni (Eurostat) fiż-żmien rilevanti imsemmi fir-Regolament KE Nru 3605/93, kif emendat, jimplika li l-att li ġie approvat mingħajr riżervi u/jew emendi jsir finali u għaldaqstant jikkostitwixxi att legali li jista' jiġi kkontestat. Minbarra dan, l-appellanti

jsostnu li l-att in kwistjoni jinvolvi effetti legali b'konsegwenzi konsiderevoli f'diversi materji, per eżempju, fir-rigward tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv jew il-proċedura tal-Fondi Strutturali.

⁽¹⁾ Dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, p.1).

⁽²⁾ ĠU L 332, p.7.

⁽³⁾ Tat- 12 ta' Diċembru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3605/93 fir-rigward tal-kwalità tad-data statistika fil-kontest tal-proċedura ta' l-iżbilanċ eċċessiv.

Rikors imressaq fit-3 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-449/07)

(2007/C 283/43)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Montaguti u R. Vidal Puig, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi (kollha) neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/36/KE ⁽¹⁾, tal-21 ta' April 2004, dwar is-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi li hija għandha skond l-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva;
- tordna li r-Repubblika Taljana tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/36/KE skada fit-30 ta' April 2006.

⁽¹⁾ ĠU L 143, p. 76.